

# Xogħol tat-tafal

Ġieli rajtu xi ħadd jagħmel it-tafal? It-tafal huwa prodott naturali mill-familja tal-ġebel. Għandu elementi fih li meta jixxarrab jirtab u jista' jinħadem. Dan il-fattur jagħmilha faċli biex permezz tiegħu jinħolqu forom sbieħ. U hekk qed jiġri huma ħafna dawk li jaħdmu dan it-tafal u minnhom joħorġu forom sbieħ bħalma huma statwi għall-knejjes, għall-festi u anke biex inżejnu djarna. It-tafal li jintuża ħafna drabi jkun minn tafal lokali li jkun imħallat b'ammont akbar ta' tafal barrani.

Meta jinħadem it-tafal dan jiġi moħmi... tafu x'inhi l-kelma taħmi? Taħmi hija meta xi ħaġa ssir fil-forn u hekk jiġri mit-tafal, dan jiġi moħmi, jiġifieri jiġi mdaħħal fil-forn u jsir terracotta... kelma bit-taljan li tfisser trab imsajjar. Terracotta hija l-kelma teknika li tintuża għal meta jiġi msajjar it-tafal wara li jkun mudellat.

Ħafna drabi ż-żebgħa tiegħu ssir qabel ma l-mudell jiddaħħal fil-forn biex hekk iż-żebgħa u t-tafal jsiru ħaġa waħda!

kultura

# Aghti l-kulur



kultura